MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2008

Numru 486/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**

**KONTRA**

**STEPHEN URRY**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Stephen Urry ta' 29 sena, bin Martin u Bernardette nee' Attard, mwieled Pieta nhar is- 16 ta' Ottubru 1979, u residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 547079(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:
1. Fil- lejl ta' bejn id- 9 u l- 10 ta' Lulju 2007 fi Triq il-Bacir il- Gdid Paola, ikkommetta serq ta' stereo tal- marka 'Pioneer' u oggetti minn vettura tal- ghamlta Volkswagen Polo bin- numru tar- registrazzjoni DBO 049 ghad- dannu ta' Joseph Vella, liema serq ikkwalifikat bil- mezz, bil-valur li ma jaccedix elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) bil- hin u bix- xorta tal- haga misruq

2. Fl- istess data u cirkostanzi, volontrajament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad- dannu tal- istess Joseph Vell, liema hsara tammonta ghal izjed minn mija u sittax - il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda ma tiskorrix l- elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69)

3. Fl- istess data u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f' Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

4. Fl- istess data u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet ta' l- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu b'sentenza datata 16 ta' April 2007 mghotija mill- Magistrat Dr. Lawrence Quintano LL.D

5. Finalment talli sar recidiv ai termini ta' l- Artikoli 49, 50 u 289 (1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li inghata zmien skond il-ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

**Ikkunsidrat:**

Illi wara li l-imputat ghazel minn jeddu li jammetti ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati u taghtih il-piena skond il-ligi. Mil-fedina penali tal-imputat ma tantx hemm fejn wiehed jista' jikkonsidra pieni oltre prigunerija. Il-Qorti tawgura bis-shih li l-imputat jibda program ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga, izda din tista' tinbeda biss mill-Facilita' Korrettiva fejn l-imputat ser jintbaghat sabiex jiskonta din is-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 270, 271, 325, 334, 49, 50, u 289(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat Stephen Urry hati u ghaldaqstant tikkunndannah sentejn prigunerija

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------